31998R2842

L 354/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.12.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2842/98

tat-22 ta' Diċembru 1998

dwar is-smigħ tal-partijiet f'ċerti proċedimenti taħt l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat tal-KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 17 tas-6 ta' Frar 1962, l-Ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat ([1]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 li japplika regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni ([2]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu ([3]), kif emendat l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni ta' regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru ([4]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2410/92 ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitati ta' Konsulenza dwar Prattiki Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti,

(1) Billi ħafna esperjenza ġiet akkwistata fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 99/63/KEE tal-25 ta' Lulju 1963 dwar s-smigħ li hemm provdut għalih fl-Artikolu 19(1) u (2) tar-Regolament Nru 17 ([6]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1630/69 tat-8 ta' Awissu 1969 dwar is-smigħ li hemm provdut għalih fl-Artikolu 26(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 ([7]), it-Taqsima II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4260/88 tas-16 ta' Diċembru 1988 dwar l-ilment u applikazzjonijiet u s-smigħ imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 li jipprovdi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu ([8]), kif emendat l-aħħar permezz ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Filandja u ta' l-Isvezja, u t-Taqsima II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4261/88 tas-16 ta' Diċembru 1988 dwar l-ilmenti, l-applikazzjonijiet u s-smigħ kif previst fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni ta' regoli dwar kompetizzjoni għal impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru ([9]);

(2) Billi dik l-esperjenza uriet il-bżonn illi jitjiebu ċerti aspetti ta' proċedura ta' dawk ir-Regolamenti; billi huwa xieraq għall-fini ta' kjarifika illi jiġi adottat Regolament wieħed dwar il-proċeduri ta' seduti varji stabbiliti fir-Regolament Nru 17, fir-Regolament (KEE) Nru 1017/68, fir-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u fir-Regolament (KEE) Nru 3975/87; billi, għalhekk, ir-Regolamenti Nru 99/63/KEE u (KEE) Nru 1630/69 għandhom ikunu mibdula, u t-Taqsimiet II tar-Regolamenti (KEE) Nru 4260/88 u (KEE) Nru 4261/88 għandhom ikunu mħassra u mibdula;

(3) Billi d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura tal-Kummissjoni taħt id-Deċiżjoni 94/810/KEFA, KE tat-12 ta' Diċembru 1994 dwar it-termini ta' referenza ta' uffiċjali tas-smigħ fi proċeduri ta' kompetizzjoni quddiem il-Kummissjoni ([10]) għandhom ikunu inkwadrati b'tali mod li jħarsu b'mod totali d-dritt ta' smigħ u d-dritt ta' difiża; billi għal dawn il-finijiet, il-Kummissjoni għandha tiddistingwi bejn id-drittijiet rispettivi ta' smigħ tal-partijiet li lejhom il-Kummissjoni tkun indirizzat oġġezzjonijiet ta' l-applikanti u ta' min jilmenta u ta' terzi partijiet oħra;

(4) Billi skond il-prinċipju tad-dritt ta' difiża, l-partijiet li lejhom il-Kummissjoni tkun indirizzat oġġezzjonijiet għandhom jingħataw l-opportunità li jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar kull oġġezzjoni li l-Kummissjoni tipproponi li tieħu akkont tagħha fid-deċiżjonijiet tagħha;

([1]) ĠU 13, tal-21.2.1962, p. 204/62.
([2]) ĠU L 175, tat-23.7.1968, p. 1.
([3]) ĠU L 378, tal-31.12.1986, p. 4.
([4]) ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 1.
([5]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 18.
([6]) ĠU 127, ta' l-20.8.1963, p. 2268/63.
([7]) ĠU L 209, tal-21.8.1969, p. 11.
([8]) ĠU L 376, tal-31.12.1988, p. 1.
([9]) ĠU L 376, tal-31.12.1988, p. 10.
([10]) ĠU L 330, tal-21.12.1994, p. 67.

(5) Billi l-applikanti u min jilmenta għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra illi m'hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex tingħata l-applikazzjoni jew tittieħed azzjoni fuq l-ilment; billi l-applikant jew min jagħmel l-ilment għandu jkun provdut b'kopja ta' kull verżjoni mhux kunfidenzjali ta' oġġezzjonijiet u għandu jkun permess li jesprimi l-ħsibijiet tiegħu bil-miktub meta l-Kummissjoni tqajjem oġġezzjonijiet;

(6) Billi terzi persuni oħra li għandhom biżżejjed interess għandhom ukoll jingħataw opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom meta jagħmlu kull applikazzjoni bil-miktub biex jagħmlu hekk;

(7) Billi l-partijiet varji intitolati li jissottomettu kummenti għandhom jagħmlu hekk bil-miktub, kemm fl-interess tagħhom kif ukoll fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, mingħajr preġudizzju għall-possibilità ta' smigħ fejn xieraq sabiex jissupplimenta l-proċedura bil-miktub;

(8) Billi huwa neċessarju illi jiġu definiti d-drittijiet ta' persuni li ser jinstemgħu u fuq liema kundizzjonijiet jistgħu ikunu rrappreżentati jew assistiti;

(9) Billi l-Kummissjoni għandha tkompli tirrispetta l-interess leġittimu ta' l-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom u kull informazzjoni kunfidenzjali oħra;

(10) Billi kompatibilità għandha tiġi żgurata bejn il-prattiki amministrattivi kurrenti tal-Kummissjoni u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti ta' Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej b'mod konformi man-notifika tal-Kummissjoni dwar regoli interni ta' proċedura għall-ipproċessar ta' talbiet għal aċċess għall-fajl f'każijiet b'mod konformi ma' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat, l-Artikoli 65 u 66 tat-Trattat tal-KEFA u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 ([1]);

(11) Billi sabiex tiffaċilita l-kondotta xierqa tas-smigħ huwa xieraq illi dikjarazzjonijiet magħmula minn kull persuna waqt smigħ jitħallew jiġu rrekordjati;

(12) Billi fl-interess taċ-ċertezza legali, huwa xieraq li jiġi mwaqqaf limitu ta' żmien għas-sottomissjonijiet minn diversi persuni skond dan ir-Regolament billi tiġi definita d-data sa meta s-sottomissjoni għandha tasal għand il-Kummissjoni;

(13) Billi l-Kumitat ta' Kunsulenza opportun taħt l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 17, l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 jew l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 għandu jissotometti l-fehma tiegħu fuq bażi ta' deċiżjoni preliminari forma ta' abbozz; billi għandu għalhekk ikun ikkonsultat fuq kull każ wara li l-inkjesta f'dak il-każ tkun mitmuma; billi din il-konsultazzjoni m'għandhiex timpedixxi l-Kummissjoni milli terġa' tiftaħ inkjesta jekk ikun hemm bżonn,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IL-KAPITOLU I

Skop

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu japplika għas-smigħ tal-partijiet taħt l-Artikolu 19(1) u (2) tar-Regolament Nru 17, l-Artikolu 26(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 23(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 u l-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

IL-KAPITOLU II

Smigħ tal-partijiet li lejhom il-Kummissjoni indirizzat oġġezzjonijiet

L-Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tisma' l-partijiet li lejhom hija indirizzat oġġezzjonijiet qabel ma tikkonsulta l-Kumitat ta' Konsulenza opportun taħt l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 17, l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 jew l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87.

2. Il-Kummissjoni għandha fid-deċiżjoni tagħha tindirizza biss l-oġġezzjonijiet rigward liema partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.

L-Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma l-partijiet bil-miktub bl-oġġezzjonjiet mressqa kontrihom. L-oġġezzjonijiet għandhom ikunu avżati lil kull wieħed minnhom jew lil kull aġent maħtur kif suppost.

2. L-Kummissjoni tista' tinforma lill-partijiet billi tagħmel notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, jekk miċ-ċirkostanzi tal-każ dan jidher xieraq, b'mod partikolari fejn innotifika għandha tingħata lil kull numru ta' impriżi iżda ma ġie appuntat l-ebda aġent konġunt. L-avviż għandu jirrispetta l-interessi leġittimi ta' l-impriżi fil-ħarsien tas-sigrieti tan-negozju tagħhom u informazzjoni kunfidenzjali oħra.

([1]) ĠU C 23, tat-23.1.1997, p. 3.

3. Kull multa jew penali perjodika tista' tkun imposta fuq kull parti biss jekk l-oġġezzjonijiet ġew avżati bil-mod ipprovdut fil-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha, meta tkun qed tagħti avviż ta' oġġezzjonijiet, tistabbilixxi data li fiha l-partijiet jistgħu jinfurmawha bil-miktub dwar l-opinjonijiet tagħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kull data li fiha l-partijiet jistgħu jindikaw kull parti ta' l-oġġezzjonjiet li filfehma tagħhom fihom sigrieti tan-negozju jew materjal kunfidenzjali ieħor. Jekk ma jagħmlux hekk sa dik id-data, l-Kummissjoni tista' tassumi illi l-oġġezzjonijiet ma fihomx informazzjoni bħal din.

L-Artikolu 4

1. Partijiet li jixtiequ jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-oġġezzjonijiet mqajma kontrihom għandhom jagħmlu dan bil-miktub sad-data li għaliha saret referenza fl-Artikolu 3(4). Il-Kummissjoni m'għandhiex tkun obbligata li tieħu akkont talkummenti bil-miktub irċevuti wara dik id-data.

2. Il-partijiet jistgħu fil-kummenti bil-miktub tagħhom jagħtu l-fatti kollha relevanti għad-difiża tagħhom. Jistgħu jwaħħlu kull dokument rilevanti bħala prova tal-fatti mniżżla u jistgħu ukoll jipproponu illi l-Kummissjoni tisma' persuni li jistgħu jikkorraboraw dawk il-fatti.

L-Artikolu 5

Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li kontrihom tqajmu oġġezzjonijiet l-opportunità sabiex jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'kull smigħ orali, jekk jitolbu hekk fil-kummenti bil-miktub tagħhom.

IL-KAPITOLU III

Smigħta' l-applikanti u ta' min jilmenta

L-Artikolu 6

Meta l-Kummissjoni, wara li tkun irċeviet kull applikazzjoni taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 17 jew kull ilment magħmul taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1017/68, l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 4056/86 jew l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87, tikkunsidra illi fuq bażi ta' l-informazzjoni fil-pussess tagħha m'hemmx bażi biżżejjed sabiex tingħata l-applikazzjoni jew taġixxi fuq l-ilment, għandha tinforma l-applikant jew lil min għamel l-ilment bir-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi kull data li sa fiha l-applikant jew min għamel l-ilment jistgħu jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub.

L-Artikolu 7

Meta l-Kummissjoni tqajjem oġġezzjonijiet dwar punt li għalih hija tkun irċeviet xi applikazzjoni għal ilment kif saret referenza għalih fl-Artikolu 6, għandha tipprovdi lill-applikant jew lil min jagħmel l-ilment b' kopja tal-verżjoni mhux kunfidenzjali ta' l-oġġezzjonijiet u tistabbilixxi data sa liema l-applikant jew min qed jagħmel l-ilment jista' jgħarraf l-opinjonijiet tiegħu bil-miktub.

L-Artikolu 8

Il-Kummissjoni, tista', fejn jixraq, tagħti lill-applikanti u lil min qiegħed jagħmel l-ilmenti l-opportunità ta' espressjoni orali ta' l-opinjonijiet tagħhom, jekk hekk jitolbu fil-kummenti tagħhom bil-miktub.

IL-KAPITOLU IV

Smigħ ta' terzi partijiet oħra

L-Artikolu 9

1. Jekk partijiet oħra minbarra dawk li għalihom saret referenza fil-Kapitoli II u III japplikaw biex jinstemgħu u juru interess bizzejjed, il-Kummissjoni għandha tinfurmahom bil-miktub bin-natura u s-suġġett tal-proċedura u għandha tistabbilixxi data sa meta jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub.

2. Il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, tistieden partijiet li għalihom saret referenza fil-paragarfu 1 sabiex jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f' udjenza bil-fomm tal-partijiet li kontrihom tressqu l-oġġezzjonijiet, jekk jitolbu hekk fil-kummenti bil-miktub tagħhom.

3. Il-Kummissjoni tista tagħti lil kull terza parti oħra l-opportunità li tesprimi l-opinjonijiet tagħha bil-fomm.

IL-KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 10

L-udjenzi għandhom ikunu kondotti mill-Uffiċjal tas-Smigħ.

L-Artikolu 11

1. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-persuni li ser jinstemgħu sabiex jattendu l-udjenza bil-fomm f'data li hija tista' tappunta.

2. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex jieħdu sehem fl-udjenza fil-fomm.

L-Artikolu 12

1. Persuni invitati jattendu għandhom jew jidhru personalment jew ikunu rrappreżentati minn rappreżentanti legali jew min rappreżentanti awtorizzati mill-kostituzzjoni tagħhom kif xieraq. Impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi jistgħu jkunu rrappreżentati minn kull aġent awtorizzat kif jixraq maħtur minn fost il-persunal permanenti tagħhom.

2. Persuni li jinstemgħu mill-Kummissjoni jistgħu jkunu assistiti mill-konsulenti legali tagħhom jew nies oħra kkwalifikati ammessi mill-Uffiċjal ta' l-Udjenzi.

3. Is-seduta m'għandhiex tkun pubblika. Kull perusna għandha tinstema' separatament jew fil-preżenza ta' persuni oħra mistiedna jattendu. F'dan l-aħħar każ, għandu jittieħed konsiderazzjoni għall-interess leġittimu ta' l-impriżi fil-ħarsien tas-sigrieti tan-negozju tagħhom u informazzjoni kunfidenzjali oħra.

4. Id-dikjarazzjonijiet mogħtija minn kull persuna li tinstema' għandhom ikunu rrekordjati fuq tejp. Ir-*recording* għandu jkun disponibbli fuq talba minn dawn il-persuni, permezz ta' kopja li minnha jkunu mħassra sigrieti tan-negozju u informazzjoni oħra kunfidenzjali.

L-Artikolu 13

1. Informazzjoni, inkluż dokumenti, m'għandhiex tkun ikkomunikata jew magħmula aċċessibbli sa fejn ikun fiha sigrieti tan-negozju ta' kull parti, inkluż il-partijiet li lejhom il-Kummissjoni indirizzat oġġezzjonijiet, applikanti u min jagħmel ilmenti u terzi persuni oħra, jew informazzjoni kunfidenzjali oħra jew fejn dokumenti interni ta' l-awtoritajiet huma kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti xierqa sabiex tippermetti l-aċċess għall-fajl, waqt li tieħu akkont talbżonn li tipproteġi sigrieti tan-negozju, dokumenti interni tal-Kummissjoni u informazzjoni kunfidenzjali oħra.

2. Kull parti li tgħarraf l-opinjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha b'mod ċar tidentifika kull materja li hija tikkunsidra kunfidenzjali, waqt li tagħti raġunijiet, u tipprovdi kull verżjoni separata mhux kunfidenzjali sad-data stabbilita mill-Kummissjoni. Jekk ma tagħmilx hekk sad-data stabbilita, il-Kummissjoni tista' tassumi illi s-sottomissjoni ma fihiex informazzjoni bħal din.

L-Artikolu 14

Waqt li tistabbilixxi d-dati li hemm ipprovdut għalihom fl-Artikoli 3(4), 6, 7 u 9(1), il-Kummissjoni għandha tieħu akkont kemm tal-ħin li hemm bżonn għall-preparazzjoni tas-sottomissjoni u l-urġenza tal-każ. Iż-żmien permess f'kull każ għandu jkun ta' l-inqas ġimagħtejn; jista' jiġi mtawwal.

IL-KAPITOLU VI

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 15

1. Ir-Regolamenti Nru 99/63/KEE u (KEE) Nru 1630/69 huma mħassra.

2. It-Taqsimiet II tar-Regolamenti (KEE) Nru 4260/88 u (KEE) Nru 4261/88 huma mħassra.

L-Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni